**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Raymond Portelli**

**Kumpilazzjoni Numru: 536/15**

**Illum, 15 ta' Frar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 626458(M).

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Frar 2005, u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

   a. Wettaq kummerc bankarju jew ta' hrug ta' flus elettronici f'Malta jew minn Malta meta ma kienx kumpanija licenzjata taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju mill-awtorita` kompetenti ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 371 u Avviz Legali 155 tal-1999 emendat bl-Avviz Legali 385 ta' 2003;

2. Kif ukoll akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Frar 2015, u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

   a. Wettaq kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u l-

Avviz Legali 357 ta' 2002 emendat bl-Avviz Legali 386 ta' 2003 billi nnegozzja fi strumenti ta' swieq finazjarju kif ukoll fi strumenti ohra finanzjarji li jistghu jigu trasferiti.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta` tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni li tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 23(A)(2) tal-Kodici Kriminali;

Rat it-talba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-fonfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Rat it-talba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali sabiex jittiedu procediment kriminali u dan skont is-Subartikolu (4) tal-Artikolu 35 l-Att XV tal-1994 dwar il-Kummerc Bankarju tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta u s-

Subartikolu (5) tal-Artikolu 22 l-Att tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Raymond Portelli hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2,000). Minbarra dan tordna l-konfiska tas-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) favur il-Gvern ta' Malta. Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-oggett esebit (Dok RA12). Fic-cirkostanzi m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'dawn il-proceduri.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**